**1 ta' Ġunju, 1965**

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Vivien Zammit

*versus*

Amante Zammit

**Dota — Att Pubbliku — Promessa ta' dota — Art. 33, 1277, 1289 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dota skond il-liġi għandha tirriżulta minn konvenzjoni matrimonjali, li taħt piena ta' nullità trid issir b'Att Pubbliku.*

*Meta missier inġustament jirrifjuta jikkostitwixxi dota lill-bintu din għandha d-dritt titlob lill-Qorti sa minn qabel iż-żwieġ biex tiddeterminalha dota dovuta lilha skond il-liġi, u l-istess dritt jibqa' jeżisti anki wara ż-żwieġ.*

*Promessa ta' dota tista' ssir verbalment però jinħtieġ l-att pubbliku meta tkun tirrigwarda dota ta' beni immobbli.*

*Fil-likwidazzjoni tad-dota dovuta "ex lege" il-Qorti tikkonsidra biss kemm il-missier jew il-persuni l-oħra tenuti warajh "in subsidium" jistgħu jagħtu skond il-mezzi tagħhom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress l-attriċi, bint il-konvenut, hija għarusa lil John Xuereb u waslet biex tgħaddi għaż-żwieġ miegħu;

u peress li hija m'għandhiex mezzi minn tagħha biex tipprepara d-dota għall-istess żwieġ, għalkemm hija kienet taħdem, stante li hija dejjem *tat il-paga* kollha li kienet taqla' lill-konvenut li kien jgħidilha li b'dika l-paga huwa kien sejjer jagħtiha dota kollox kif jixraq u kif imiss;

u peress li llum *li l-attriċi ma jonqosha* xejn ħlief id-dota biex tiżżewweġ, il-konvenut qed jirrifjuta li jikkostitwixxi lill-istess attriċi, bintu, dota kif jixraq u kif hu tenut skond il-liġi, u dana nonostante li ġie interpellat bl-ittra uffiċjali tat-28 ta' April, 1964;

Talbet illi l-konvenut għar-raġunijiet imsemmija jiġi ikkundannat minn dina l-Qorti li jagħti u jikkonsenja lill-attriċi b'titolu ta' dota, *dik* il-mobilja, fajjenza, bjankerija u oġġetti oħra *li jirriżulta* fit-trattazzjoni *tal*-kawża li huwa tenut li jagħtiha skond il-liġi stante li hija waslet biex tiżżewweġ, jew inkella jagħtiha dika s-somma ta' flus, rappreżentanti l-valur tad-dota li l-istess konvenut huwa obbligat jikkostitwixxi favur l-attriċi li tiġi likwidata *minn* dina l-Qorti occorrendo permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' April 1964.

OMISSIS:

Illi l-Qorti kellha wkoll tikkonfronta xi diffikoltà minħabba l-mod kif hija esposta d-domanda tal-attriċi. Din tammonta għat-talba "sic et simpliciter" biex il-konvenut jiġi kanonizzat debitur favur l-attriċi *tal-oġġetti* jew tal-valur tad-dota kostitwenda, mentri, kif huwa risaput, id-dota ma tiġix, almenu skond il-liġi mħallsa bħal xi debitu ordinarju, imma għandha tirriżulta mill-konvenzjoni matrimonjali, li, taħt piena ta' nullità trid issir b'att pubbliku (art. 1289 Kod. Ċiv.), fejn jiġu solennizzati fid-debita forma il-kostituzzjoni u l-assenjazzjoni tad-dota mill-għarusa stess jew mill-persuni tenuti skond il-

liġi, fejn l-għarus jiddikjara ruħu soddisfatt u iħalli riċevuta, u mbagħad toħroġ is-solita ipoteka kontra tiegħu. F'dan il-każ għall-kuntrarju l-attriċi, li għadha ma żżewwġitx u lanqas biss bdiet tniedi qegħda tinsisti li l-konvenut jiġi minn issa kundannat jikkunsenjalha d-dota, anki in kontanti.

Illi b'daqshekk il-Qorti mhix qegħda tgħid li meta l-missier inġustament jirrifjuta jikkostitwixxi dota lill-bintu din m'għandhiex dritt titlob lill-Qorti, sa minn qabel iż-żwieġ, biex tiddeterminalha d-dota lilha dovuta skond il-liġi (Koll. Vol. IX. p. 156 fejn intqal li l-istess dritt jibqa' jeżisti anke wara ż-żwieġ, u Cassar *utrinque*, deċiża fil-ħamsa (5) ta' Novembru, 1955, fejn din il-Qorti, bħala modalità tas-sentenza, ordnat li d-dota tingħata biss wara t-tniedijiet u xi ġimgħa qabel iż-żwieġ). Imma fl-istess ħin, kif irriflettiet din il-Qorti fis-sentenza pubblikata fil-Vol. XVI, ii, 187, għalkemm jista' jkun hemm żwieġ bla dota ma jistax ikun hemm dota bla żwieġ. Għalhekk ikun aħjar li għall-eżattezza f'kawżi bħal dawn, tiġi segwita l-forma ta' domanda approvata minn din il-Qorti fis-sentenza **William Ellul et vs Paolo Zammit** (Vol. XXVI, ii, 217) b'riferenza għal **Busietta vs Zimelli** (Vol. VIII,p. 727), ċioè t-talba għall-kundanna tal-konvenut mhux għas-sempliċi pagament tad-dota in kontroversja imma għal li stipulazzjoni tal-att pubbliku relativ meħtieġ skond il-liġi għall-adempiment tal-obbligazzjoni. Tant jidher desiderabili mill-prattika legali biex jiġi assigurat li d-dota tirriżulta minn att pubbliku li jsir bl-aċċettazzjoni tal-għarus u verament **fl-okkażjoni taż-żwieġ** (art. 33 Kod. Ċiv.) għax kultant jiġri li insegwitu għas-sentenza — u dan mhuwiex qiegħed jiġi awgurat f'dan il-każ — l-għarus ma jibqax jara l-għarusa attraenti daqs qabel, u ikun sar ħafna xogħol ta' xejn. F'dan il-każ il-Qorti, ispirata għat-tendenzi prattiċi taż-żmienijiet preżenti, u konfortata mill-preċedenti tas-sentenzi "**Annunziata Camilleri et vs Giovanni Mangion et**" (Vol. IX, p. 156) u Cassar utrinque fuq imsemmija, kif ukoll minn nuqqas ta'

kwalunkwe eċċezzjoni fir-rigward, (sew ta' natura proċedurali kemm minħabba kwalunkwe intempestività opponibili taħt l-art. 34) ma jidhriliex li għandha isegwi l-eżempji estremi tar-riġett tad-domanda "kif proposta" li jinsabu fis-sentenza "**Busietta vs Zimelli**" (supra) u "**Bongailas vs Coleiro**" (Vol. XXVII, ii, 558) imma għandha tieħu veduta iżjed kostruttiva u, fid-dispositiv ta' din is-sentenza, tordna dawk il-modalitajiet tal-pagament li huma neċessarji skond il-liġi, li jistgħu dejjem jiġu ordnati skond l-art. 220 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u li għalhekk, biex l-atti jkunu salvati, jistgħu jittieħdu bħala impliċiti fid-domanda tal-attriċi.

Ikkunsidrat:—

Illi l-attriċi tibbaża l-pretenżjoni tagħha tant fuq l-allegata promessa tal-konvenut li kien sejjer jiddutaha "kif jixraq u kif imiss" mill-paga tagħha li hija tgħid li dejjem kienet tikkonsenjalu b'dik l-intiża, kemm fuq l-obbligu tiegħu naxxenti mill-liġi (art. 33 (2) Kod. Ċiv.). Kif ġa intqal, fit-tieni każ id-dota hija limitata għal dak li l-missier u l-persuna l-oħra tenuti warajh 'in subsidium' jistgħu jagħtu skond il-mezzi tagħhom. Għalhekk jidher loġiku li l-Qorti tikkunsidra l-ewwel ipotesi qabel it-tieni.

Illi l-attriċi ma tippretendix li l-promessa tad-dota minnha allegata tirriżulta minn att pubbliku, u tgħid li saret verbalment. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati dwar il-validità tal-promessa ta' dota magħmula bil-fomm jew sempliċement kirografarja mhux dejjem kienet konkordi. Infatti fil-bidu kien jiġi ritenut li promessa ta' dota mhux magħmula b'att pubbliku kienet nulla. Hekk ġie deċiż fis-sentenza **Conjugi Battaglia vs Ant. Vella** (Vol. VII, p. 41) u **Busietta vs Zimelli** (Vol. VIII, p.727). Fis-sentenza **Coniugi Galea vs Giovanni Micallef** (Vol. XXII, i, 172) l-Onorabbli Qorti tal-Appell bdiet tindika xi dubji dwar dan il-prinċipju meta l-obbligu tad-dota ikun ġej mill-

liġi, għalkemm irriteniet li billi fil-każ partikolari il-missier ma kienx obbligat jerġa' jiddota lill-bintu fit-tini żwieġ tagħha, allura kull promessa minnu magħmula, bħala konvenzjoni matrimonjali, kellha tirriżulta minn att pubbliku taħt piena ta' nullità. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti kienu jilliberaw mill-osservanza tal-ġudizzju billi jiddistingwu fis-sens li l-azzjoni ma kellhiex issir għall-pagament iżda biex il-konvenut jiġi kostrett jaddivieni għall-istipulazzjoni b'att pubbliku.

Illi l-ġurisprudenza nqalbet milli jidher għall-ewwel darba bis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ellul vs Zammit** (Vol. XXVI, ii, 217) li uriet li l-ġurisprudenza anterjuri ma kienitx tiddistingwi sew bejn il-promessa tad-dota u l-kontratt effettiv tad-dota u ikkonfondiet l-ewwel waħda mal-konvenzjoni matrimonjali. B'din is-sentenza ġie imfakkar li ġià minn żmien ferm qabel (**Zammit vs Pisani Demajo**, Vol. VI, p. 405) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-validità tal-promessa ta' ċerti diterminati kuntratti, rikonoxxuti bħala validi mid-dritt komuni abbraċċjat bħala konswetudini mill-Qrati tagħna, u dik il-validità ma kienet ġiet qatt abrogata b'disposizzjoni positiva. Fis-sentenza ta' din il-Qorti ġie rilevat ukoll li lanqas l-art. 2 tal-Ordinanza Numru XIV tal-1913 (art. 1277 Kod. Ċiv.) ma kien iddixxiplina b'xi forma ġdida il-promessa tad-dota, u għalhekk ġiet rikonoxxuta fil-kas konkret il-validità ta' promessa ta' somma speċifika ta' flus.

Illi in segwitu l-ġurisprudenza reġgħet ibbarkollat bissentenza **Bongailas vs Coleiro** (Vol. XXVII ii, 358) li segwiet is-sentenzi l-antiki, imma imbagħad reġgħet iddiriġiet ruħha salvo għad-distinzjoni dwar li stabili li sejra tissemma, bejn il-preċedenti ta' **Ellul vs Zammit** fuq imsemmi. Wieħed jista' jara f'dan is-sens **Azzopardi vs Buttigieg** (Vol. XXXII, i, 376) **Saliba vs Grech** (Vol. XXXII, ii, 397) u **Casha vs Portelli et** (Vol. XXXII, ii, 281) li irrikonoxxew, b'riferenza għal **Cassar vs Zahra et** (Vol. XXIX, i, 365) li fejn ikun hemm il-promessa

"de inuendo contractu", il-promittent ta' dota konsistenti f'oġġetti mobili speċifiċi jista' jiġi assoġġettat għall-azzjoni in koerċiżjoni *fiż-żmien ta' tletin sena*, u l-promessa tirrikjedi l-att pubbliku biss meta tkun tirrigwarda dota ta' beni immobili, u dana minħabba l-art. 1277 (1) (a) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi għalkemm in segwitu kien hemm sentenza oħra bażata fuq l-ġurisprudenza l-antika (Buhagiar vs Zarb, Vol. XXXIV, ii, 705) din il-Qorti taqbel mal-kurrent l-iktar reċenti tal-ġurisprudenza msemmija fil-paragrafu preċedenti, li tra altro tikkomprendi żewġ pronunzjamenti tal-Qorti tal-Appell, bħala l-iktar konsona mad-*dispożizzjonijiet* tal-liġi, u għalhekk taqbel li l-attriċi għandha dritt tipprova turi li teżisti favur tagħha promessa, anke verbali, ta' dota ta' oġġetti mobili speċifiċi.

Ikkunsidrat dwar il-prova tal-allegata promessa:—

OMISSIS:

Illi fl-isfond legali u probatizju fuq imsemmi, il-Qorti ma tistax takkolji b'favur il-pretenzjoni speċjali tal-attriċi dwar l-allegata promessa, u dana għar-raġunijiet segwenti:—

a) Kwalunkwe promessa da parti tal-konvenut stess hija esklusa mill-attriċi stess;

*b) skond in-nota regola tal-prova tal-fatt allegat*, il-konflitt bejn ix-xhieda tal-attriċi u x-xhieda ta' ommha għandu jiġi riżolut, bħala dubju sostanzjali, favur il-konvenut.

c) esklusa kwalunkwe promessa espressa tal-konvenut jew ta' martu, lanqas ma jista' jingħad li kien hemm xi promessa *taċita tal-omm fis-sens li bl-aċċettazzjoni tal-paga hija* kienet qiegħda torbot lil żewġha li iżjed tard jerġa' jisborsa

*dawk il-flus kollha bħala dota.* **Meta kif jiġri spiss fil-familja** *Maltija, il-membri tal-familja ikunu qegħdin jgħixu bir-reġim ekonomiku li jirriżulta f'din il-kawża, iġifieri li l-pagi ta' kull-ħadd jitqegħdu f'kaxxa komuni, l-iżjed li jista' jingħad dwar it-tfal kienet li jkunu jaħdmu (jekk ma tirriżultax konvenzjoni espressa kuntrarja) huwa li ikun hemm l-intendiment li huma jibqgħu jgħixu fil-ħajja tal-familja sakemm jiżżewġu u li l-ġenituri imbagħad jiddutawhom skond il-mezzi tagħhom eżistenti fl-epoka taż-żwieġ. Il-kumplament ċioè jekk il-ġenituri jkunux iridu jieħdu in konsiderazzjoni, fil-kalkolu tad-dota, ix-xogħol u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tat-tifla li tkun sejra tiżżewweġ, jibqa' remiss għal kuxjenza, sens ta' gratitudini u imħabba tagħhom, li tista' tvarja minn persuna għall-persuna u li l-Qorti m'għandhiex kontroll fuqhom. Dana ma jfissirx li t-tfal bniet ma jistgħu ikollhom xi drittijiet oħra, iżda dawn ma jkunux li jesiġu dota iżjed milli l-mezzi eżistenti tal-ġenituri jippermettu, imma talvolta dawk li jitnisslu mill-komunjoni familjari taċitù (**Benjamina Spiteri vs Ludgardo Buttigieg** et, Vol. XXIX, ii, 906).

d) Jingħad ukoll in subordine illi anki kieku, taħt l-aspett probatizju, irriżultat il-promessa verbali tal-omm li l-attriċi *tieħu* dota "sewwa u kif imiss", u anke kieku omm l-*attriċi* kellha qatt tiġi presunta mandatarja taċita ta' *żewġha fi promessa* ta' din il-għamla, tali promessa tibqa' dejjem vaga u ġenerika u ma tidħolx fil-każijiet kontemplati fil-ġurisprudenza l-iżjed favorevoli fuq ċitata għax ma tirrigwardax *oġġetti mobili speċifiċi. Fl-istess ħin, promessa hekk vaga, anki* kieku qatt saret, ma żżid xejn mal-obbligazzjoni tal-missier biex jaddota lill-bintu, peress li din l-obbligazzjoni ġejja mill-liġi u għandha tiġi adempjuta propriju permezz ta' dota "sewwa u kif imiss", intiża però din l-espressjoni fil-limiti tal-mezzi ekonomiċi tal-missier, limitazzjoni li skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-ħajja, tista' twassal għad-dota mill-iżjed prijuri għall-oħra mill-iżjed modesti.

Illi l-premess ma japplikax għal dawk l-affarijiet żgħar li omm l-attriċi laħqet xtrat jew otteniet propriju għad-dota tal-attriċi u li fuqhom hija preżunta mandatarja tar-raġel anke għaliex tenuta "in subsidium" (Vol. XXV, ii, 549). Meħud in konsiderazzjoni il-konflitt li hemm bejn id-deposizzjoni tal-attriċi u dik ta' ommha anke dwar in-natura u n-numru ta' x'uħud minn dawn l-oġġetti (fl-oħrajn qablu), il-Qorti qegħda, fejn hemm bżonn "arbitrio boni viri", tiddikjara li dawn l-oġġetti *huma* dawk li jinsabu elenkati fin-nota annessa markata Dok. AA *flimkin* ma' din is-sentenza, u li l-attriċi għandha dritt *eventualment, ċioè* kif sejjer jingħad 'il *quddiem, toħodhom* bħala dota.

Ikkunsidrat:—

Illi wara li eżaminat b'dan il-mod u iddeċidiet x'jista' jmiss lill-attriċi bis-saħħa tal-promessa, il-Qorti għadha trid tara jekk, apparti mill-promessa li ma ġiets appruvata ħlief għall-oġġetti eżigwi fuq imsemmija l-azzjoni tal-attriċi *timmeritax* li tiġi akkolta fuq l-obbligazzjoni "ex lege" tal-konvenut.

*OMISSIS:*

Illi meħudin *in* konsiderazzjoni il-mezzi u l-piżijiet tal-konvenut u l-perikoli imminenti ta' riduzzjoni fl-"istandard of living" tiegħu (ġià minnu stess modest) il-Qorti hija tal-fehma li dota kongruwa għall-attriċi m'għandiex tissupera it-tletin lira (£30) barra mill-oġġetti elenkati fl-annessa nota.

Ikkunsidrat:—

Illi in vista ta' dak li jinsab ġià motivat fil-bidu ta' *din* is-*sentenza* dwar xi nuqqas ta' eżattezza fil-formulazzjoni tad-*domanda, il-Qorti* sejra tiddisponi li d-dota dovuta lill-attriċi *tiġi mogħtija taħt modalitajiet* "uti infra" konformi għall-liġi

u għall-prattika legali tajba.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u *tiddeċiedi l-kawża* billi, respinta il-kawżali tal-promessa dedotta fit-tieni premessa taċ-ċitazzjoni tilqa' d-domanda tal-attriċi in kwantu bażata fuq l-obbligazzjoni legali tal-konvenut u r-rifjut tiegħu biex jikkostitwixxi kwalunkwe dota favur l-attriċi, u tillikwida d-dota assenjabili lill-attriċi fl-oġġetti mobili speċifikati fl-annessa nota Dok. AA u fis-somma ta' tletin lira *(£30) li l-*imsemmi konvenut jibqa' kundannat jassenja lill-attriċi permezz ta' att pubbliku f'mobbli tad-dar, bjankerija personali u utensili tal-kċina — valutabili, jekk il-partijiet ma jkunux jaqblu fuqhom, fuq stima ta' periti — jew fi flus kontanti a scelta *tal-konvenut, liema att pubbliku, bħala modalità ta' din is-*sentenza, għandu jsir wara li l-attriċi tkun niediet u fiż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata qabel id-data li l-attriċi tiffissa għażżwieġ tagħha.

*L-ispejjeż jitħallsu bil-mod segwenti: dawk tad-dikjarazz*joni li ma kienx hemm promessa speċifika jitħallsu kwantu għal disgħa minn għaxra (9/10) mill-attriċi u kwantu għall-wieħed minn għaxra (1/10) mill-konvenut; u l-kumplament, stante li l-pretenzjonijiet tal-attriċi kienu pjuttost esaġerati imma dejjem kien hemm rifjut tal-konvenut, kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-konvenut u kwantu għal kwint (1/5) mill-attriċi.